MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2010

Numru 37/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**MALCOLM MIFSUD**
**IGNATIUS JOSEPH FENECH**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Malcolm Mifsud ta' 18 sena, iben Michael u Mary Rita nee' Camilleri, imwieled 26 ta' Marzu, 1985 Pieta', u residenti Flat 4, Navillus Flats, Triq Lapsi, San Giljan, ID230785M

U

Ignatius Joseph Fenech, iben Carmelo u Antonia nee' Debattista, imwieled 26 ta' April 1986 Pieta', u residenti Farmhouse, Triq it-Tonn, San Pawl il-Bahar, ID 219486M gew akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer:-

1. Nhar il-11 ta' Jannar 2005 f'xi hin bejn nofs in-nhar u l-erbgha ta' wara nofs in-nhar, minn gewwa l-fond Villa Val-Paraiso, Triq Lapsi, San Giljan ikkommettew serq ta' kcina ghad-dannu ta' Mary Farrugia u Paul Farrugia, liema serq huwa ikkwalifikat bil-"mezz", bil-"persuna", bil-"lok" u bil-"valur" u dan bi ksur ta' Artikoli 261, 263, 267, 268, 269 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. U aktar talli nhar il-11 ta' Jannar 2005 f'xi hin bejn nofs in-nhar u l-erbgha ta' wara nofs in-nhar, minn gewwa l-fond Villa Val Paraiso, Triq Lapsi, San Giljan, bil-hsieb li jaghmlu delitt, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt billi ittantaw jikkomettu serq ta' diversi ghamara ghad-dannu ta' Mary Farrugia u Paul Farrugia, liema serq kien ikun ikkwalifikat bil-"mezz", bil-"persuna", bil-"lok" u bil-"valur", liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom, u dan bi ksur ta' Artikoli 41, 261, 263, 267, 268, 269 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. U aktar talli nhar il-11 ta' Jannar 2005 f'xi hin bejn nofs in-nhar u l-erbgha ta' wara nofs in-nhar, gewwa l-fond Villa Val Paraiso, Triq Lapsi, San Giljan, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara jiskorri l-hames mitt Lira Maltin (LM500), ghad-dannu ta' Mary Farrugia u Paul Farrugia, u dan bi ksur ta' Artikolu 325 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. U aktar talli nhar il-11 ta' Jannar 2005 f'xi hin bejn nofs in-nhar u l-erbgha ta' wara nofs in-nhar, gewwa San Giljan u bnadi ohra saqu vettura tal-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni BAF 736 u Frame number LH102-0077095, minghajr ma kienu koperti b'polza ta' assigurazzjoni.
5. U aktar talli nhar il-11 ta' Jannar 2005 f'xi hin bejn nofs in-nhar u l-erbgha ta' wara nofs in-nhar, gewwa San Giljan u bnadi ohra saqu vettura tal-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni BAF 736 u Frame number LH102-0077095, minghajr licenzja rikorenti tat-triq.

6. U aktar talli f'dawn l-ahhar snin f'xi gurnata mhux maghrufa ikkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni BAF 736 u Frame number LH102-0077095, ghal valur ta' aktar minn elf Lira Maltin (LM1000) ghad-dannu ta' Giosue' Gauci u/jew persuni ohra mhux maghrufa, liema serq huwa ikkwalifikat bil-"mezz", bix-"xorta tal-haga misruqa" u bil-"valur" u dan bi ksur ta' artikoli 261, 263, 267 u 271 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
7. U aktar talli f'dawn l-ahhar snin gewwa San Giljan u bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom u dan bi ksur ta' Artikolu 334 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
8. U aktar talli nhar il-15 ta' Novembru 2004 f'xi hin bejn it-tlieta (15:00hrs) u l-hamsa u nofs (17:30hrs) ta' wara nofs in-nhar, minn gewwa l-fond numru 11, Hardway, Triq Elija San Giljan ikkommettew serq ta' Lm750 fi flus ghad-dannu ta' Vincenzo u Melita Pace liema serq huwa ikkwalifikat bil-"mezz", bil-"lok" u bil-"valur" u dan bi ksur ta' Artikoli 261, 263, 267, 269 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
9. U aktar talli ghamlu olterazzjonijiet fuq vettura tal-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni BAF 736 u Frame number LH102-0077095 billi biddlu n-numri tar-registrazzjoni minghajr awtorizzazzjoni minghand id-Direttur tat-Traffiku.
10. U aktar talli fl-istess zmienijiet u cirkostanzi sabiex jiksbu vantagg jew beneficcju ghalihom innifishom jew ghall-haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz, billi wahhlu set ta' number plates foloz fuq vettura tal-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni BAF 736 u Frame number LH102-0077095 ai termini tal-Artikolu 18, 185(2), 186 u 188 tal-Kodici Kriminali, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
11. U aktar talli fl-istess zmienijiet u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni jew uzu minn dokument iehor falsifikat billi uzaw set ta' number plates foloz, u dan ai termini tal-artikolu 187, 189 u 338(gg) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-Artikoli 15, 16, 17, 18, 31 u 91 tal-

Ordinanza dwar ir-regolamenti tat-traffiku, Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.
12. U aktar talli fil-konfront ta' l-imputat Malcolm Mifsud wahdu qed jigi akkuzat talli huwa recediv b'Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 10 ta' Mejju, 2004 liema Sentenza hija definittiva u ma tistghax tinbidel u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.
13. U aktar talli fil-konfront tal-akkuzat Ignatius Joseph Fenech wahdu hu akkuzat talli huwa recediv b'diversi Sentenzi tal-Qorti u cioe' Sentenza moghtija fil-21 ta' Marzu, 2001 kif ukoll b'Sentenza moghtija fid-9 ta' Lulju, 2001 liema Sentenzi huma difinittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu datata l-14 ta' Marzu, 2007 (ara fol. 253 tal-Process) u nnutat li l-imputati iddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati iddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr. Caroline Farrugia ghall-imputat Malcolm Mifsud u Dr Jose' Herrera ghall-imputat Ignatius Joseph Fenech iddikjaraw li jaqblu li z-zewg vannijiet bin-numri tar-registrazzjoni BAF 736 u BAB 665 ippresentati formalment illum bhala Dok PSD1 u

Dok PSD2 rispettivament huma t-tnejn soggetti ghall-konfiska.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur is-Supretendent Martin Sammut u Dr Caroline Farrugia ghall-imputat Malcolm Mifsud u Dr Jose’ Herrera ghall-imputat Ignatius Joseph Fenech iddikjaraw li, stante l-fatt li l-imputati ghamlu avvanzi konsederevoli f’hajjithom fit-triq it-tajba u wrew progress sinifikanti fil-process biex jghelbu l-vizzju tad-droga, ikun opportun li l-Qorti tikkunsidra li taghti lill-imputati l-opportunita’ ta’ Probation ghall-fini li ma jigux ripetuti r-reati kommessi mill-imputati u biex l-imputati jkunu assistiti biex jghelbu kompletament il-vizzju tad-droga.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront taz-zewg imputati l-art. 17, 41(1)(e), 49, 50, 185(2), 186, 187, 188, 189, 261(b), (c), (d), (e) u (g), 263, 267, 268, 269, 271, 278, 279, 325, 334 u 338(gg) tal-Kap. 9, l-art. 15(1)(a), 15, 16, 17, 18 u 31 tal-Kap. 65 u l-art. 3(1) (2) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputati Malcolm Mifsud u Ignatius Joseph Fenech, fuq ammissjoni, hatja ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak riportat aktar ‘il fuq f’din is-Sentenza, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li tpoggi lill-imputati Malcolm Mifsud u Ignatius Joseph Fenech taht ordni ta’ probation ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta’ reati simili u sabiex l-imputati Malcolm Mifsud u Ignatius Joseph Fenech ikollhom assistenza necessarja kontra l-abbuz mid-droga u inoltre tikkundanna lill-istess imputati Malcolm Mifsud u Ignatius Joseph Fenech erbat elef u hames mitt Euro (Euro 4,500) multa kull wiehed.

Il-Qorti, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-imputati Malcolm Mifsud u Ignatius Joseph Fenech sabiex fi zmien tlett (3) xhur millum ihallsu bejniethom lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta’ disa’ mija

u sitta u tmenin Euro (Euro 986) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta’ esperti .

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tas-sub-artikolu 15(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiskwalifika lill-imputati Malcolm Mifsud u Ignatius Joseph Fenech milli jkollhom jew milli jiksbu xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tmintax (18)-il xahar millum.

Il-Qorti, a tenur tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna l-konfiska taz-zewg vannijiet bin-numri tar-registrazzjoni BAF 736 u BAB 665 ippresentati formalment illum bhala Dok PSD1 u Dok PSD2 rispettivament u l-konfiska tal-oggetti ppresentati bhala Dok PMS5, Dok PMS6, Dok PMS7, Dok PMS8 u Dok PMS9.

Il-Qorti tordna li d-digrieti annessi ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-probation orders jifformaw parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-digrieti annessi ma’ din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjali tal-Probation lill-imputati Malcolm Mifsud u Ignatius Joseph Fenech.

L-Ufficjali tal-Probation assenjati ghandhom jirraportaw bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hatja kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputati Malcolm Mifsud u Ignatius Joseph Fenech l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------